# Il-Vista Pastorali lill-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ fir-Rabat ta' Għawdex ta' l-Isqof Mons. Baldassare Cagliares (1615-1633) Il-Ġimgħa 23 t'April 1621



Mill-Kan. Dun Nikol Vella Apap

Il-ġimgħa 23 t'April 1621 fil-għodu bdiet il-Viżta Pastorali wara li tkantat il-quddiesa mir-Rev.du Dun Pietru Franġisku Pontremoli S.TH.D., Kanonku kapitulari, Provigarju Ġenerali u delegat viżitatur. Miegħu kellu lil Dun Melkiorre Vella S.TH.D., amministratur ġenerali u konvisitatur.

**It-Tabernaklu Mqaddes**

L-ewwel li żar kien lit-Tabernaklu fejn tinżamm l-Ewkaristija. Din kien ta' l-injam. Fih kien hemm żewġ pissidi. Wieħed kien tal-fidda biex jittieħed lill-morda, l-ieħor kien indurat. Kellu biċċa minnu mkisser hekk li l-viżitatur ordna biex f'xahar tissewwa l-koppa tal-fidda u tiġi ndurata.

**Iż-Żjut Imqaddsa**

Iż-żjut imqaddsa huma fi tliet ampolli u jinżammu fil-hajt. Il-bieba hija ta' l-injam u tinqafel b'cavetta. Il-viżitatur ordna biex l-ampolli jsiru tal-fidda, u ssir kitba fuq kull waħda. Il-vizitatur ordna ukoll biex iż-żjut tal-magħmudija jinżammu fil-fonti tal-magħmudija.

**Il-Fonti tal-Magħmudija.**

Wara żar il-fonti tal-Magħmudija li kien fuq in-naħa tax-xelluġ inti u dieħel fil-Knisja. Dan ma kellux koppla (għatu), kien ta' l-injam u miksi bil-ħarir. Ħdejh kien hemm is-sagrarju li kellu għatu ta' l-injam, imma ma kienx jinqafel. Il-viżitatur ordna biex fi ħmistax dan is-sagrarju jibda jiġi maqful, u fi żmien erba' xhur issir il-koppla lill-fonti tal-Magħmudija. Ordna wkoll biex barra li jinżammu ż-żjut tal-Magħmudija fil-fonti, jintrefa' l-kuċċarun li bih jintefa' l-ilma fuq l-irjus ta' dawk li jitgħammdu.

Il-viżitatur ordna biex fi ħmistax idawwar il-fonti tal-Magħmudija b'ċint tal-ġebel. Lill-Kappillan Dun Anġlu Modlun ta' din il-Parroċċa ta' San Ġorġ ordnah li fir-reġistri tal-Magħmudija, taż-Żwiġijiet, u tal-Imwiet iniżżel il-ħin.

**L-Artal Maġġur**

L-artal maġġur kien imżejjen sewwa. Kellu t-tvalji u erba' gandlieri ndurati. L-artal huwa tal-ġebel. Fuq dan l-artal kollu tal-ġebel li kellu pedata ta' l-injam, hemm xbieha tal-Madonna sbiħa ħafna li hija ta' l-alabastru. L-ikona (Il-Kwadru) ta' San Ġorġ impittra għandha magħna x-xbieha ta' l-Appostli San Pietru u San Pawl.

Meta l-Kappillan Dun Anġlu Modlun ġie mistoqsi jekk hemmx xi piż ta' quddies fuq dan l-artal maġġur wieġeb: Ma hemm l-ebda obbligu ta' quddies, biss issir quddiesa baxxa f'dan l-artal kull ħmistax. Kien hemm legat ta' 40 skud imħolli mill-magnifiku Salvu Muscat fit-testment tiegħu li sar fl-atti tan-Nutar Ġann Battista Spilotti fil-21 ta'

Novembru 1615. L-40 skud ġew mogħtija mill-werrieta tiegħu Andrea Gargallo.

Obbligu ieħor fuq dan l-artal ma' ghandniex ħlief dak ta' Kappillan.

Quddiem dan l-artal hemm lampier jixgħel dejjem li tieħu ħsiebu l-Konfraternità tas-Santissimu Sagrament ta' din il-Parroċċa. Fil-festi jinxtegħlu żewġ lampieri mid-devozzjoni tan-nies.

Din il-Knisja għandha żewġ bibien: wieħed iħares lejn il-punent li ħdejh hemm il-Fonti ta' l-ilma mbierek tassew dekoruż, u l-bieb l-ieħor iħares lejn it-Tramuntana. Fuq il-lemin tal-Knisja hemm ċimiteru wiesa'u dekoruż. Il-biex jingħalaq min-naħa ta' ġewwa tas-sagristija. Mal-knisja kien hemm magħquda l-kappella ta' Santa Katerina. Il-bieb tagħha kien jingħalaq sewwa kuljum fil-għaxija. Fuq in-naħa tal-lemin inti u dieħel fil-knisja hemm kolonna tar-rħam u fuqha hemm fonti tal-ilma mbierek.

**L-Artal tal-Karità**

Fuq ix-xellug tal-Knisja hemm l-artal imwaqqaf ġdid taħt it-titlu "tal-Karità". L-artal huwa tal-ġebel. Huwa dekoruż biex isir quddies fuqu. Fuqu hemm l-Ikona wiesa' daqs l-artal it-Tarġa ta' l-artal hija ta' l-injam L-Ikona (Il-Pittura) turi lil San Lazzru mqajjem minn Kristu. Fih jidhru n-nies, Santa Marta, Marija Madalena u l-Appostli. Fuq dan l-artal hemm ix-xbieha tal-Madonna maħduma mill-alabastru, għandha lil binha fuq idha. Hija f'niċċa ta' l-injam impittra u ndurata. Il-ikona (Il-pittura ta' San Lazzru) hija mpittra sabiħa bil-gwarniċ impitter.

Dan l-artal ghandu tliet trieħi, żewġ gandlieri ta' l-injam, il-mensola tiegħu hija ftit dejqa, u m'għandux karti tal-glorja. Il-viżitatur amar biex issir mensola oħra iktar wiesa'.

Fuq dan l-artal madwar sentejn ilu ġiet imwaqqfa il-Konfraternità tas-Sagrament u tal-Karità. Bil-Bolla tal-Papa Pawlu V mogħtija minn Ruma fl-1620 minn Santa Maria Maggiore, din il-Konfraternità ġiet mogħnija bl-indulgenzi. L-indulġenzi kienu jinkisbu minn dawk li jagħmlu opri ta' karità u jidfnu lill-fqar bla ħlas. Ir-rettur ta' din il-Konfraternità huwa Simon Barberi, imma l-prokuratur veru huwa Sanstoru Mercieca. F'din il-Konfraternità hemm ħafna miktubin. Dawn is-suċċessuri tagħhom kellhom jieħdu ħsieb l-artal u jħarsu l-bżonnijiet tiegħu. Kellhom jixgħelu l-lampier quddiem l-artal kull nhar ta' sibt u fil-festi ssir quddiesa. Fil-festa ta' San Lazzru fit-18 ta' Diċembru ssir quddiesa u jitkanta l-ewwel għasar.

Fuq dan l-artal hemm il-piż li ssir quddiesa kull nhar ta' sibt kif ħalla Marjanu Urdop fit-testment tiegħu ghand in-nutar Lucio Dello Re. Dan il-piż kien isir minn Dun Anġlu Modlun, Kappillan ta' din il-Knisja Parrokkjali, ta' San Ġorġ.

Sanstoru Mercieca xehed li Goanella, mart il-mejjet Gużeppi Rapa, ħalliet lil din il-Konfraternità ħamest ewieq biex isir baldakkin ħalli taħtu tinġarr l-Ewkaristija Mqaddsa. Xhud tat-testment kien Simon Barberico. Il-prokuratur Sanctoru fi żmien jumejn kellu juri l-inventarju u l-ħruġ u d-dħul ta' din il-Konfraternità. Din il-Konfraternità kellha sitt skudi, erba' tareni u grana għaxra (dawn huma flus ta' dak iż-żmien). Dan xehed li kellu dejn biss ta' "grana", imma lil din il-Konfraternità taha tnejn.

Minħabba t-tmexxija tajba ta' din il-Konfraternità, il-prokuratur tagħha Simone Michallef kellhom jipprovdu l-karti tal-glorja u jkabbru l-mensa ta' l-artal.

**L-Artal ta' San Karlu Borromeo**

Fuq il-lemin tal-Knisja twaqqaf artal ġdid lil San Karlu Borromeo Kardinal. L-ikona hija mpittra ġdida. L-artal huwa sewwa biex fuqu jitqaddes il-quddies. Għandu terħa u żewġ gandlieri ta' l-injam. Dan l-artal ġie mwaqqaf mill-magnifiku Lucio Scarto u martu Isabella. Iddotawh b'żewġ skudi kull sena fuq id-dar tagħhom u gjardina magħha li kienu fir-Rabat ta' din il-gżira fil-ħâra ta' Santa Marija ta' Savina. Din id-dar bil-ġjardina tmiss ma' dik ta' Duminku Falzon fuq il-Lvant, fuq Nofs in-Nhar ma' tas-surmast Bernardo Cauchi u fil-Punent tmiss ma' dik ta' Arturo Cassar.

Dan l-artal kellu nieqes kurċifiss, żewġ tvalji, il-karti tal-glorja u l-lapida sagrata. Il-viżitatur amar lill-Kappillan biex fi żmien ta' xahrejn jagħmel lil dan l-artal dak li ordna.

**Żewġ Kappelli fuq in-Naħa tal-Lemin ta' l-Artal Maġġur**

Fuq in-naħa ta' l-artal maġġur hemm żewġ kappelli miftuħa. Ta' l-ewwel antika ħafna hija dik ta' Santa Barbara li t-tarġa ta' l-artal hija tal-ġebel. Hemm Ikona żgħira mpittra fuq il-karta tas-Santissimu Rużarju. Quddiemha hemm lampier. Il-Kappillan qal li dan l-artal waqqfu minn flusu. Kellu jiddotah hu u jżejnu. Sa kemm jipprovdilu kollox ma setax isir quddies fuqu. Kien hemm piena ta' sospensjoni u ta' skomunika.

Il-Kappella l-oħra hija ta' Santa Katerina li kellha artal tal-ġebel nieqes mill-ħwejjeġ meħtieġa. Dun Marjanu Testaferrata kien il-benefiċjarju ta' din il-

*ikompli f'paġna 93*

Kastell? (ii) Meta wieħed iqis li il-popolazzjoni tax-Xewkija kienet iżgħar minn dik tax-Xagħra u dik tal-Qala. Nadur u t-tnejn ibgħad minnha, mill-Kastell u mir-Rabat? (iv) Meta wieħed iqis li s-Sagrifiċċji kemm da parti tan-Nies tax-Xewkija u kemm da parti tal-kleru tar-Rabat u dak tal-Kolleġġjata, kienu nqas minn dawk ta' parruċċani u rħula aktar fil-bogħod. U din l-imbierka mistoqsija dejjem tberren f'moħħna l-aktar meta wieħed iqis li kemm il-Kleru ta' S. Ġorġ, u kemm il-Kanonċi u l-kleru tal-Kolleġġjata, kienu kbar. Biżżejjed ngħidu li mal-Kolleġġjata kien hemm II il-Kanonku u 26 qassis, jiġifieri 37 saċerdot b'kollox, u dan minbarra ta' San Ġorġ, fejn fl-istess żmien kienu jitqaddsu 20 quddiesa kuljum.[3] Possibbli daqstant saċerdoti ma setgħux ilaħħqu l-anqas ma' l-eqreb raħal ix-Xewkija u dak tal-Għarb? Xi bsaten fir-roti kien hemm żgur. Forsi l-quddiem xi ħadd jagħmel studju propju l-għaliex kellhom ikunu ix-Xewkija u l-Għarb...... l-eqreb lejn ir-Rabat, li jkunu l-ewwel żewġ parroċċi eretti. L-Għarb ġie erett biss 9 xhur wara x-Xewkija. U dan l-intopp jew din il-mistoqsija terġa' tfiġġ malli naraw l-għadd li ġej ta' l-aħħar Griżma ta' l-Isqof l saret fil-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ qabel ma' ġew eretti Parroċċi Sannat, Xagħra, Qala, Nadur u Żebbuġ.

### 1687

Niġu issa għal-aħħar statistika ta' l-aħħar Griżma li saret fil-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ qabel ma' ġew eretti l-Parroċċa ta' Sannat, tax-Xagħra, tal-Qala, Nadur u Żebbuġ fit-28 t'April 1688 u konfermati fis-6 ta' Ġunju 1689, l'għada tal-għaqda ta' Kolleġġjata.

F'din is-sena, 1687, il-Griżma saret mill Isqof Cocco Palmeri ġiet imqassma fuq jumejn. Il-lista tkopri l-folji 291-319v. L-aħħar faċċata tal-Manuskritt. Fl-ewwel jum cioè, fit-23 t'April, jum, San Ġorġ, fil-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ irċivew is-sagrament tal-Griżma 495 ruħ. Fl-1 ta' Mejju 1687 dejjem fil-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ (fols. 315-319v) irċivew il-Griżma 79 ruħ oħra b'kollox 574 ruħ, l-akbar għadd mill-1631, u dan wara li 9-8 snin qabel ix-Xewkija u l-Għarb ġew eretti parroċċi, u biex ngħid hekk lejlet li jitwaqqfu l-parroċċi l-oħra.

Tajjeb li wieħed ikun jaf jekk is-Sagrament tal-Griżma, ġiex iċċelebrat u kemm il-darba ġie celebrat fil-Kolleġġjata bejn l-1623 u l-1687. Ikun sewwa u xieraq li nafu f'liema sena saret u kemm irċevew dan is-sagrament fil-Kolleġġjata. Anke jekk dan is-Sagrament sarx xi darba fix-Xewkija u l-Għarb bejn l-1679 u l-1689, u dan għaliex din il-figura ta' 574 ruħ li lkoll irċevew is-Sagrament tal-Griżma fil-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ, tgħaġġibna, għaliex hija l-akbar waħda, mill-1631, u hija l-akbar waħda wara li harġu iż-żewġt parroċċi tax-Xewkija u ta' l-Għarb, u hija wkoll l-akbar qabel ma saret il-GĦAQDA - quindi qabel ma' ħarġu l-parroċċi ta' Sannat, Xagħra, Qala, Nadur u Żebbuġ.

---

**Referenzi**

[1] Hawn ta' min igħid li l-ewwel volum tal-Magħmudija jinsab miżmum fl-Arkivju tal-Kurja, u jien għad ma flejtux sew. Anzi fl-Arkivju tal-Kurja kienu qaluli li jeżisti xi reġistru ieħor tal-Magħmudijiet tas-Seklu XVI. Ma nafux hux qed jalludu ghal-istess wieħed li sa żmien l-arċipriet Cefai kien jagħmel parti mill-kollezzjoni ta' San Ġorġ.

[2] Hawn f'vol. 273 jissemma li ħa l-Griżma Giovanni Antonio d'Avola, li iżjed tard kelli nkwiet kbir biex isir kanoniku

[3] N.P.L. Valletta, Ms. 422, fol.402; Ms.1421 pols.6.7.

---

*jaqbad minn paġna 83*

kappella. Kellu l-obbligu li jqaddes kull nhar ta' Tnejn. Id-dritt tal-patrimonju kien fuq art imsejħa "Ta' Ricudi". Dan kien xehed fil-Viżta tas-sena 1615.

Il-viżitatur amar lil Testaferrata biex fi żmien ħmistax jagħmel lkona deċenti, salib, tliet triehi, żewġ gandlieri, karti tal-glorja, u missal.

### Is-Sagristija

Fuq in-naħa tax-xellug ta' l-artal maġġur hemm is-sagristija tal-Knisja. Għandha bieb ta' l-injam li jinqafel. Fil-hajt hemm armarji bil-bibien ta' l-injam biex jintrefgħu x-xema', u t-tvalji ta' din il-knisja.

F'din is-Sagristija hemm żewġ artali tal-ġebel. Il-viżitatur amar biex jitneħħa wieħed minnhom minn din is-sagristija billi din kienet dejqa. Fuq l-artal kellhom jinżammu l-ħwejjeġ u l-artal jitbierek biex il-qassisin jistgħu jqaddsu fuqu.

Il-viżitatur amar biex issir tabella bit-talb u fonti ta' l-ilma mbierek fid-dħul ta' din is-sagristija. Lill-Kappillan qallu biex f'jumejn mid-dħul tal-Knisja tiegħu jħejji dak kollu li hemm neċessarju.

**Riferenzi**

A.E.G.V.P. Baldassare Cagliares.

*Ħajr* lill-Kan.Piet.Lwiġi Camilleri li għinni fil-qari ta' din il-Viżta Pastorali fil-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ.

*Ħajr* ukoll lil Tony Terribile li silifni r-ritratt ta' l-Isqof Baldassare Cagliares.